MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2009

Numru 987/2008

**PULIZIJA**
**SPETTUR MALCOLM BONDIN**
**VS**
**OMMISSIS A**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat *Ommissis A* ta' *ommissis*-il sena, iben *Ommissis X* u *Ommissis Y*, imwieled *ommissis* u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru *ommissis.*

Illi huwa akkuzat talli fl-10 ta' Ottubru 2008 ghall-habta tal-11:45p.m. gewwa *Ommissis*:

1) B'eghmil zieni, kkorrompa persuna ta' taht l-eta' u cioe *Ommissis B* ta' *ommissis*-il sena bi vjolenza;
2) Ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' *Ommissis B* ta' *ommissis*-il sena, liema reat sar bi vjolenza;

3) Bla ordni skond il-Ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil *Ommissis B* kontra l-volonta’ taghha u dan bhala mezz biex hi tigi mgieghelha taghmel xi haga, jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;
4) Ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-istess *Ommissis B*;
5) Offenda l-pudur jew il-morali, b’eghmil li ghamel f’lok pubbliku jew f’lok espost ghall-pubbliku;
6) Bl-imgieba tieghu kkaguna biza lil *Ommissis B*, *Ommissis C* u *Ommissis D* li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta’ taghhom;
7) Ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fil-gisem jew fis-sahha fuq il-persuna ta’ *Ommissis C* skond kif iccertifika Dr. Godfrey Azzopardi M.D.;
8) Hebb kontra *Ommissis B*, *Ommissis C* u *Ommissis D* sabiex jingurjhom, idejjaqhom jew jaghmel hsara lill-istess persuni;
9) Gab ruhu b’mod li ta fastidju lil *Ommissis B*, *Ommissis C* u *Ommissis D* b’mod li kien jaf jew missu li kien jaf li dan kien ta’ fastidju ghall-istess *Ommissis B*, *Ommissis C* u *Ommissis D*;
10) Kiser il-buon ordni u l-paci pubbliku b’ghajjat u glied.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol.57), taht liema Artikoli din il-Qorti tista’ ssib htija fl-imputat;

Rat il-Verbal tas-16 ta’ Frar 2009 fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat fil-verbal datat 28 ta' Novembru 2008 (a fol.17);

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni wara li l-Qorti nghatat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat, *Ommissis A*, hati skond l-akkuza, bit-tieni, it-tielet u r-raba' akkuza assorbita fl-ewwel akkuza u wara li rat l-Artikoli 203(1)(a), 204C(1)(2)(a), 86, 87, 207, 209, 221, 338(dd), 28A, 28G, 412C u Artikolu 37 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal 4 snin, waqt illi tqieghedu taht Supervision Suspended Order taht il-perijodu massimu ta' tlett snien taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Illi di piu', il-Qorti tohrog kontra l-imputat, *Ommissis A* ta' *ommissis*-il sena, iben *Ommissis X* u *Ommissis Y*, imwieled *ommissis* u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru *ommissis*, Protection Order favur il-minuri u l-familja taghha u dana ghal-perijodu ta' tlett snin, u tipprojibixxi lill-imputat ikellem jew javvicina jew b'xi mod jew iehor jimmolesta lil minuri jew lil membri tal-familja taghha.

Din il-piena qed tinghata minhabba fattur ewlieni illi l-imputat inniffsu kien minorenni meta kkommetta dan ir-reat u huwa *a first offender*.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------